



Brussell, 8 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15031/24

JEUN 270
SOC 793
EMPL 543
AGRI 768
SUSTDEV 118
EDUC 403

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Ix-xejriet demografiċi li qed jevolvu li jsawru l-opportunitajiet għaż-
żgħażaġħ rurali
– *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument ta' sfond imħejji mill-Presidenza bħala bażi għad-
dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport fil-25 u s-
26 ta' Novembru 2024.

Ix-xejriet demografiċi li qed jevolvu li jsawru l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh rurali

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Ix-xejriet demografiċi fl-Unjoni Ewropea huma dejjem aktar definiti minn popolazzjoni li qed tixjieħ, fejn ħafna Stati Membri qed jiffaċċaw depopolazzjoni li tirriżulta f'nuqqas dejjem akbar ta' ħaddiema f'dawn iż-żoni. Dawn il-bidliet għandhom impatt sinifikanti fuq is-soċjetajiet tagħna, kemm il-ġenerazzjonijiet preżenti kif ukoll dawk futuri, u jaffettwaw il-kompetittività, ir-reżiljenza, u l-prosperità ġenerali tal-UE. Il-bidliet demografiċi għandhom ukoll impatt kbir fuq il-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali inkluż il-kooperazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet, b'xi Stati Membri u reġjuni jesperjenzaw aktar minn oħrajn dawn l-isfidi.

Ir-reġjuni rurali madwar l-UE huma dejjem aktar esposti għal dawn il-bidliet demografiċi profondi. Filwaqt li d-depopolazzjoni mhijiex unika għaż-żoni rurali, dawn ir-reġjuni, u b'mod partikolari ż-żgħażaġh, huma milqutin b'mod sproporzjonat minn dawn il-bidliet demografiċi. Bħala medja, iż-żoni rurali għandhom popolazzjonijiet ferm akbar fl-età meta mqabbla maċ-ċentri urbani, u huwa aktar probabbli li jiffaċċaw tnaqqis fil-popolazzjoni. Meta mqabbla mal-popolazzjoni urbana, il-popolazzjoni rurali għandha probabbiltà kważi d-doppju li ttrissjedi f'żona li qed tesperjenza tnaqqis f'ħaddiema b'ħiliet għolja u żgħażaġh¹. Barra minn hekk, ir-reġjuni li qed jiffaċċaw tixjiħ tal-popolazzjoni, livell baxx ta' edukazzjoni, u tluq sinifikanti taż-żgħażaġh, jirriskjaw li jaqgħu f'"nassa tal-iżvilupp tat-talenti", li ddgħajjef l-kapaċità tagħhom li jibnu ekonomiji sostenibbli². Għalhekk, il-ħolqien ta' ambjenti ta' appoġġ, li jħeġġu liż-żgħażaġh jibqgħu fiż-żoni rurali, huwa vitali għall-preservazzjoni u l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni.

¹ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, *li Jakkumpanja d-dokument*, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, *Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040*, SWD (2021)166 final.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa*, COM(2023)32 final.

Iż-żgħażaġh mhux biss jirrappreżentaw il-preżent u l-futur tas-soċjetajiet tagħna iżda huma wkoll katalisti indispensabbli tal-progress. Huma joffru ideat innovattivi, prospettivi u dinamiċi ġodda li huma essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi kumplessi tad-dinja tal-lum. Il-preżenza, l-innovazzjoni u l-vitalità taż-żgħażaġh jistgħu jgħolqu opportunitajiet ġodda, ambjent lokali b'saħħtu u jikkontribwixxu għal prestazzjoni akbar f'dawn ir-reġjuni. Madankollu, ħafna reġjuni rurali u remoti fl-Unjoni Ewropea qed jiffaċċaw sfidi demografiċi distinti, li jnaqqsu l-impatt u l-iżvilupp taż-żgħażaġh fl-ambjent lokali tagħhom.

It-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol f'żoni rurali u f'żoni inqas żviluppati jxekkel it-tkabbir u jaffettwa direttament il-kompetittività tal-Ewropa, filwaqt li jisfida l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali tal-UE. Hekk kif il-forza tax-xogħol qed tonqos, ir-reġjuni rurali qed isibuha dejjem aktar diffiċli biex jattiraw l-investment u jsostnu t-tkabbir ekonomiku. Hekk kif iż-żgħażaġh jitbiegħdu miż-żoni rurali, dawn ir-reġjuni jitħallew mingħajr il-kapital uman u t-talent meħtieġa biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-iżvilupp, u b'hekk ikomplu jaggravaw l-isfidi li diġà jeżistu. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "L-Isfruttar tat-Talent fir-Reġjuni tal-Ewropa" toffri gwida strateġika mmirata biex treġġa' lura din ix-xejra, billi tittrasforma dawn ir-reġjuni f'ekonomiji vibranti u xprunati mit-talenti. Approċċ integrat li jiffoka fuq id-diversifikazzjoni tal-opportunitajiet ta' impjieg, l-iżvilupp tat-talenti, it-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità, kif ukoll li ż-żoni rurali jsiru postijiet aktar attraenti fejn wiehded jgħix, jitgħallem u jaħdem huwa fil-qalba ta' dan l-isforz. Dawn l-istrateġiji, appoġġati mill-politika ta' koeżjoni u mill-fondi tal-UE, huma vitali biex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni rurali u tinżamm il-kompetittività tal-ekonomija Ewropea.

Huwa importanti li wieħed iżomm preżenti li l-bidliet demografiċi fiż-żoni rurali mhux biss jaffettwaw l-ekonomija iżda għandhom ukoll impatti profondi fuq in-nisġa soċjali ta' dawn il-komunitajiet. Iż-żgħażaġh f'dawn ir-reġjuni jistgħu jiffaċċaw riskji oġhla ta' esklużjoni soċjali u iżolament kif ukoll ta' aċċess limitat għal edukazzjoni ta' kwalità, taħriġ u opportunitajiet ta' impjieg, aċċess għal servizzi soċjali u tal-kura tas-saħħa kif ukoll għall-art, u huwa aktar probabbli li ma jkunux irrappreżentati biżżejjed fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dawn il-kwistjonijiet, flimkien mal-iżolament ġeografiku ta' xi żoni rurali, jistgħu jaggravaw l-esklużjoni soċjali u ekonomika u jdgħajfu l-kapaċità tal-komunità li ssostni lilha nnifisha fit-tul. Madankollu, il-komunitajiet, l-aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għolja, u l-opportunitajiet lokali fl-edukazzjoni għolja jista' jkollhom ukoll rwol kritiku biex iż-żgħażaġh ma jitolqux u jtaffu bidliet demografiċi bħall-fenomeni tal-"eżodu ta' mħuħ". Rabtiet komunitarji b'saħħithom, inklużjoni soċjali, appoġġ għall-akkomodazzjoni lokali u opportunitajiet għal parteċipazzjoni sinifikattiva jistgħu jgħinu biex iż-żgħażaġh rurali jibqgħu impenjati u investiti fir-reġjuni lokali tagħhom³. It-trawwim tal-ġustizzja u l-kooperazzjoni interġenerazzjonali jsir essenzjali fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-fehim bejn il-ġenerazzjonijiet iżgħar u daww akbar fl-età jistgħu jwasslu biex jinbnew soċjetajiet aktar b'saħħithom u aktar reżiljenti. L-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 u l-Għanijiet Ewropej tagħha dwar iż-Żgħażaġħ #3 u #6 jenfasizzaw l-importanza li jitrawmu soċjetajiet inklużivi u jinħolqu żoni rurali fejn iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jilhq u l-potenzjal sħiħ tagħhom u jirnexxu lokalment⁴. It-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh rurali mhuwix biss vitali għas-suċċess individwali tagħhom iżda huwa essenzjali biex jitreġġa' lura t-tnaqqis demografiku u tingħata ħajja ġdida liż-żoni rurali. Billi ninvestu fil-potenzjal tagħhom, nistgħu noħolqu komunitajiet aktar dinamiċi, innovattivi u sostenibbli li jkunu mġammra aħjar biex jiffaċċaw sfidi futuri.

³ Bárta, O., & Moxon, D. (2024). EUYD10 Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Budapest, l-Ungerija. Rapport Finali tal-Konferenza. Zenodo. <https://doi.org/10.5281/zenodo.13836827>

⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019–2027 (2018/C 456/01).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni"⁵ tipprovdi sett ta' għodod ta' politika disponibbli għall-Istati Membri għall-ġestjoni tat-tibdil demografiku u l-impatti tiegħu fuq is-soċjetà u l-ekonomija tal-UE, inkluż il-kompetittività globali tagħha b'wieħed mill-4 pilastri li jiffoka fuq iż-żgħażaġġ. Għal dan l-għan, il-politiki pubbliċi u l-appoġġ fil-livell rilevanti għandhom jiġu aġġustati bil-ħsieb li jappoġġaw u jpoġġu lill-ġenerazzjonijiet żgħażaġġ f'pożizzjoni b'saħħitha biex jirnexxu, jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, ikollhom aċċess aħjar għas-suq tax-xogħol u għal akkomodazzjoni affordabbli.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Ministri huma ġentilment mistiedna jirriflettu abbażi tal-mistoqsijiet ta' gwida li ġejjin. Ġentilment nitolbu li l-interventi jiġu limitati għal massimu ta' 3 minuti.

Mistoqsijiet għad-diskussjoni:

- Kif jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv ix-xejriet demografiċi li jaffettwaw l-aktar liż-żgħażaġġ li jgħixu f'żoni rurali u remoti?
- Kif jistgħu ż-żgħażaġġ li jgħixu f'żoni rurali u remoti, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet, jitqiegħdu f'pożizzjoni b'saħħitha biex jagħmlu użu mill-potenzjal mhux sfruttat tagħhom biex jirnexxu lokalment?
- Kif jistgħu l-aħjar prattiki fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE jiġu kondiviżi u implimentati madwar l-Istati Membri biex jittaffew id-disparitajiet reġjonali, id-depopolazzjoni u jiġi evitat li ż-żgħażaġġ jitolqu minn dawn iż-żoni?

⁵ EUR-Lex - 52023DC0577 - MT - EUR-Lex (europa.eu)